31989R0184

L 23/19 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 27.1.1989

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 184/89
tal-25 ta' Jannar 1989
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KEE) Nru 20/89 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/8, hu meħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament;

Billi Regolament (KEE) Nru 2658/87 niżżel ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li tkun kollha kemm hi jew parzjalment bażata fuqha jew li żżid xi sud-diviżjonijiet addizzjonali għaliha u li tkun stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħra li jirreferu għall-kummerċ f'oġġetti;

Billi, bis-saħħa ta' l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament presenti għandhom ikunu klassifikati taħt il-kodiċi NM xieraq indikat fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna 3;

Billi l-miżuri li jinsabu f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar in-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa klassifikati fin-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċi Nm xieraq indikat fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-25 ta' Jannar 1989.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU nru L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
(2) ĠU nru L 4, tas-6.1.1989, p. 19.

L-ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni Kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Preparazzjoni likwida li jkun fiha s-sodju u l-kaseina tal-kalċjum, proteina tas-soya,, il-leċitina tas-soja, iż-żejt tal-qamħirrum, iż-żejt tas-soja, medium-chain triglycerides, maltodextrins, minerali, vitamini u ilma li tkun tista' wkoll tkun amministrata permezz ta' enteral tube	2202 90 10	Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tad-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenkaltura maqgħuda, Nota 1 (a) tal-Kapitolu 30, u t-testi tal-kodiċi NM 2202, 2202 90 u 2202 90 10 Tmiem tad-dokument